MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 369/2006

Kawza fil-lista: 42

**AB**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Il-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Settembru 2001, fil-Knisja Parrokkjali ta’ Gwardamangia, u minn dan iz-zwieg ma hemmx ulied;

2. Illi l-partijiet isseparaw a mensa et thoro permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena, fl-24 ta’ Lulju 2002;

3. Illi l-partijiet ghexu flimkien bhala mizzewgin ghal inqas minn sena;

4. Illi qabel iz-zwieg, il-partijiet ghamlu xi zmien ta' gherusija, jigifieri madwar tliet snin qabel id-data taz-zwieg, u matul dan iz-zmien l-intimata spiss kienet titlaq lir-rikorrent, u mbaghad terga' lura wara li kienu jinqalghu kwistjonijiet bejnietha u l-familja taghha;

5. Illi ghall-ewwel tliet xhur mid-data taz-zwieg, ma dehru ebda problemi, izda wara biss tliet xhur, bdew jidhru sinjali li l-konvenuta ma riditx hajja konjugali bejn il-partijiet jew li ma riditx terfa' r-responsabbiltajiet taz-zwieg; illi f' dan iz-zmien il-konvenuta kienet titlaq mid-dar ghal sieghat twal u deheret li ma riditx tikkontribwixxi f' affarijiet li kellhom x' jaqsmu mad-dar matrimonjali;

6. Illi fl-istess zmien l-intimata bdiet tohrog regolarment ma' shabha u teskludi lir-rikorrent mill-attivitajiet socjali taghha; hija kienet sahansitra tigdeb dwar fejn kienet sejra, tiltaqa' u jkollha relazzjonijiet ma' rgiel ohrajn u tibqa' barra mid-dar sa hinijiet esagerati li ma humiex konsistenti ma' hajja mizzewga;

7. Illi xi zmien wara li bdew jidhru dawn is-sinjali, ir-rikorrent sar jaf illi l-intimata kien kellha relazzjonijiet ma' terza persuna, filwaqt li hija kienet mgharrsa mieghu. Illi dan il-fatt kienu jafu bih il-familja tal-konvenuta, b' mod partikolari ommha, izda qatt ma gie mgharraf. Illi huwa sar jaf b' dan il-fatt wara z-zwieg minghand xi hbieb komuni tal-partijiet, u dan huwa fatt li, kieku kien jaf bih qabel iz-zwieg, ma kienx ippreparat li jizzewweg lill-konvenuta;

8. Illi l-intimata ma kienetx lesta li terfa' r-responsabbiltajiet taz-zwieg, inkluz kontijiet tad-dar, tindif, xiri ta' l-affarijiet ta' l-ikel u affarijiet ohra relatati li huma essenzjali fil-hajja konjugali; illi di piu' l-intimata, fil-kors tas-separazzjoni bejn il-partijiet, kienet semmiet lir-rikorrent li hija kienet imgieghla tizzewweg mill-familja taghha, u ghaldaqstant hija ssimulat il-kunsens taghha stante li hija ma riditx verament tizzewweg, u l-intenzjoni

taghha f' dak il-mument kien wiehed differenti minn dak indikat;

9. Illi huwa car illi l-konvenuta, fil-mument taz-zwieg, eskludiet il-hajja matrimonjali u l-fedelta' mir-rieda taghha, u wriet kull sinjali li riedet tibqa' tghix il-hajja ta' xebba u ghaldaqstant kienet issimulat il-kunsens taghha f' dak il-hin illi gie kkuntrattat iz-zwieg;

10. Illi di piu' huwa car ukoll li l-konvenuta addirittura qarrqet lill-attur sabiex jizzewigha, fis-sens illi induciet qerq dwar kwalita' essenzjali taghha, li hija l-fedelta'.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara null ab initio il-kuntratt ta' zwieg bejn il-partijiet u taghmel kull provvediment iehor li jidrilha xieraq.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet lill-partijiet jiddeponu;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-21 ta' Settembru 2001 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Settembru 2001 meta allura l-attur kellu 32 sena u l-konvenuta kellha 21 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien ghal certu perjodu li kien interrott diversi drabi. Wara konvivenza matrimonjali ta' ftit xhur il-partijiet isseparaw de facto, u fl-24 ta' Ottubru 2002 iffirmaw

kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attur jispjega li qabel iz-zwieg kien hemm pressjoni qawwija da parti ta' omm il-konvenuta sabiex dina tibqa' fir-relazzjoni ma' l-attur. Hu jghid li "Kien hemm diversi drabi fejn konna nhassru r-relazzjoni bejnietna, ukoll qabel l-gherusija, izda Caroline kienet dejjem tigi lura wara hafna insistenza minghand ommha."[1] Huwa jirrakkonta kif meta l-partijiet kienu jhassru r-relazzjoni ta' bejniethom, omm il-konvenut kienet tmur tfittxu anke fuq ix-xoghol u tinsisti mieghu biex jkompli johrog ma' bintha peress li ma kienx minnu li dina kienet qed tiffrekwenta kumpanija ta' irgiel ohra.

Wara z-zwieg is-sitwazzjoni aggravat, fis-sens li "Caroline spiss kienet tohrog waqt li jien kont inkun qieghed fuq ix-xoghol, u kienet tidhol id-dar wara l-erbgha ta' filghodu. Hija kienet tkun hafna fil-kumpanija ta' l-irgiel … li gieghli kienu jwassluha d-dar." L-attur jghid li l-konvenuta ma kienitx taghmel facendi fid-dar, u kien hu li kien jahsel il-hwejjeg, u jsajjar. Jghid li "Hija kienet titratta d-dar matrimonjali qisha kienet lukanda: tidhol wara x-xgohol, tinhasel u tohrog sat-tlieta ta' filghodu." L-attur jghid li kien fil-kuntest ta' din is-sitwazzjoni li huwa kien iddecieda li ma riedx tfal; u di fatti l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzzjoni.

Illi minn naha taghha l-konvenuta, filwaqt li tichad li hi kienet infidila lejn zewgha, tammetti li meta zzewwgitu ma kienitx thobbu, u li kienet izzewwgitu biss minhabba l-pressjoni li kienet ghamlitilha ommha. Hija takkuza lil-attur li dan ma riedx tfal fiz-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi mismugha l-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, ezistenti fil-konfront tal-konvenuta. Jirrizulta car ghal din il-Qorti li meta l-konvenuta zzewwget lill-attur, hija ma kienitx thobbu, u li kienet izzewwgitu biss

[1] Aff. Fol.17

minhabba l-pressjoni qawwija li kienet ghamlitilha ommha. Jirrizulta li, ghalkemm kienet accettat li tizzewweg lill-attur, hi riedet tibqa' tghix il-hajja taghha ta' tfajla, probabbilment tenut kont ta l-eta' relattivament zghira taghha, u tal-fatt li kienet ilha fir-relazzjoni ma' l-attur ghal zmien twil qabel iz-zwieg. Dan jispjega l-komportament taghha matul il-konvivenza matrimonjali qasira taghhom.

Ghalhekk, ghalkemm esternament il-konvenuta ghaddiet minn cerimonja ta' zwieg, izda nternament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha, hija eskludiet obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali.

Jigi osservat li l-Qorti thoss li d-decizjoni li ha l-attur waqt iz-zwieg fis-sens li l-partijiet ma "jipprovawx ghat-tfal" kienet decizjoni matura u ghaqlijja fic-cirkostanzi li hu sab ruhhu fihom, u zgur li dan il-fatt m' ghandux jimmilita kontra tieghu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u z-zwieg huwa null fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-kap.255, <u>unikament tort tal-konvenuta</u>.

Illi rigward il-kap ta' l-ispejjez, il-partijiet fl-udenza tal-5 ta' Gunju 2008 ivverbalizzaw li, minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni tar-responsabbilita', l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu bla taxxa.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-21 ta' Settembru 2001.

Rigward l-ispejjez tal-kawza, tiddeciedi li, in vista ta' dak verbalizzat fl-imsemmija udjenza, l-ispejjez ikunu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------